# In-Nies tas-Snajja' fl-Ewwel Snin ta' l-Ingliżi f'Malta

*Ta'* Ġużè' Gatt

*(Jaqbad mal-għadd ta' Settembru 1953, faċċ. 79)*

Billi sa l-1803 laħqu mietu xi Arġentiera, il-għadd tagħhom naqas sewwa. Fuq hekk, f'Novembru ta' l-imsemmija sena, insibu li talbu biex isiru Arġentiera 15-il wieħed. X'uħud minnhom saru fi Frar ta' l-1804. Oħrajn xahar wara, f'Marzu. F'Novembru ta' l-1803, l-Arġentiera, f'għadd ta' 23 wieħed, għamlu rikors lill-Gvernatur. Fih gergru ħafna, għaliex qalu, li billi l-Konslu tagħhom, tliet darbiet fil-ġimgħa, ikun jaħdem fil-Monte di Pietà, qed isibu ruħhom f'bosta tfixkil, biex dan jista' jagħmlilhom il-poloz tad-deheb fil-jiem li jmissu jkun hemm. Fuq hekk, lil dawk li jkunu jridu jixtru, l-aktar meta dawn jinzertaw mir-rħula, jew sa jsiefru, jibqgħu biex ma jbigħulhom xejn. Dan barra milli hu ta' ħafna telf għalihom, in-nies mhix tinqeda sewwa. Għalhekk xtaqu li din il-biċċa tissewwa, billi l-Gvernatur jogħġbu jaħtar ieħor, bħala Ajjutant tal-Konslu għal dawk il-jiem li dana jkun fil-Monte di Pietà. Għal dil-ħaġa, huma jixtiequ li jiġi magħżul l-Imgħallem Pawlu Cauchi, raġel sewwa u ta' ħila. Terġa', huma ma jridux iħallu li ma jgħidulux li, b'dil-ħatra ġdida ma ssir ebda ħsara lill-Konslu. Għax dak li jaqla' l-Ajjutant ikun mitluf dejjem għall-Konslu, ladarba fin-nuqqas tiegħu ma jista' jsir ebda bejgħ. B'danakollu, huma jħallu dil-biċċa f'idejn il-Gvernatur u li jagħmel ikun b'merħba bih.

Il-Gvernatur, fit-18 ta' Novembru, 1803, qabbad lill-Qorti biex tagħtih tagħrif dwar dan ir-rikors ta' l-Arġentiera. Iżda, milli nistgħu nobsru, ix-xewqa ta' l-Arġentiera ma għaddietx 'il quddiem. Għax ebda tweġiba għall-petizzjoni tagħhom ma nsiba miġjuba fil-kotba ta' fejn drabijiet oħra jitniżżlu dawk it-talbiet li jiġu milqugħa mill-Gvern. Għalhekk naħsbu li baqa' kollox kif kien dwar il-ħidma tal-Konslu ta' l-Arġentiera. Biss insibu li l-uffiċċju ta' l-Inkarigat (il-Konslu) ta' dawn, b'ordni tal-Gvernatur, ma baqax fil-Monti tal-Pjetà iżda ttieħed fejn sa ngħidu.

Fi żmien l-Ordni, l-Inkarigat mill-Oreficì kien fl-uffiċċju tal-Kummissarju taz-Zekka. Taħt il-Franċiżi għand il-Muniċipalità tal-Belt. Għalhekk, il-Gvernatur, biex jimxi mad-drawwa ta' kif

drabijiet oħra kien isir, dwar dina l-biċċa, ordna li 'l quddiem, l-Inkarigat għandu jkun għand il-Maġistrat (il-Gurati).

L-uffiċċju tal-Kummissarju taz-Zekka, fi żmien l-Ordni, kien fiz-zekka stess. Il-Muniċipalità fi żmien il-Franċiżi, fil-Berġa ta' Provenza, il-lum il-Club. U tal-Maġistrat, fi Triq Merkanti, il-lum ir-Reġistru Pubbliku, quddiem il-Monti tar-Rahan.

Meta xi ħadd jaħbat jifru f'xi ħaġa, il-Gvern, biex jagħti eżempju, ma kienx jaħsibha darbtejn li jwaqqaf lil dak li jkun mix-xogħol u jagħlaqlu l-ħanut. Hekk ġralu wieħed Arġentier, jismu Ganni Perini, fl-1808, kif jidher minn petizzjoni li għamel f'Marzu tas-sena li semmejna. Dan qal li l-Qorti waħħlitu piena ta' flus, billi xtara mingħand wieħed suldat Ingliż biċċtejn minn spalletti tal-fidda. Barra minn hekk, għalqulu l-ħanut ukoll, waqt li wissewh li ma jistax jaħdem aktar ta' Mgħallem fis-Sengħa tiegħu, li biha kien qed igħix hu u jgħajjex lill-familja tiegħu. Iżda meta xtara ma ħasibx li dawk kienu misruqa. Terġa' ħadhom b'ħaqqhom sewwa, kif iddikjara l-Konslu tas-Sengħa. Huwa jaf li mingħand min xtara kien suldat, kif deher mill-ilbies tiegħu. B'danakollu, hu ħaseb ukoll, li b'daqshekk ma waqa' fl-ebda ħtija, billi kienet ħaġa żgħira, waqt li basar li lil dan is-suldat tahomlu sidhom biex ibigħhomlu.

Minn mindu laħaq Imgħallem, la l-Qorti anqas ħadd ma qatt kellu xi jgħid fih, billi dejjem mexa bil-ħaqq u l-ġieh fix-xogħol tiegħu. Barra minn hekk, meta f'Jannar ta' l-1802, insteraq salib tal-fidda mill-Knisja ta' San Pubblju tal-Furjana, u għandu mar wieħed biex ibegħlu xi bċejjeċ minnu, kien hu li għarraf malajr lill-Qorti b'dana l-ħalliel. Għalhekk talab lill-Gvernatur, biex iqis dak kollu li semma—ħwejjeġ li juru li ma kellux ħtija f'dil-biċċa—u jagħtih il-grazzja li jerġa' jiftaħ il-ħanut mill-ġdid.

It-talba tiegħu ġiet imgħoddija lill-Qorti, biex din tgħid tagħha.

Il-Qorti qalet li malli l-Haqq safa' mgħarraf li Perini xtara, mingħand suldat, xi bċejjeċ ta' spalletti tal-fidda, li jiswew 2 skuti u 6 irbajja', ġie msejjaħ il-Qorti. Perini mill-ewwel stqarr u qal li ħaseb li dawk tahomlu xi fizzjal u mhux misruqa. Xtrahom żewġ skudi u rbiegħi. Fuq hekk b'sentenza tad-9 ta' Frar ġie mwaħħal piena ta' flus u l-ispalletti jirtaddu lil sidhom.

Madankollu, Perini hu raġel sewwa, u ma għandux biex igħix b'ħaġa oħra, għajr bis-sengħa tiegħu. Sitt snin qabel (1802), mhux biss ma riedx jixtri bċejjeċ tal-fidda li kienu jidhru li jagħ-

mlu minn lampier li nsteraq mill-Knisja ta' San Pubblju, imma kien hu li għarraf lill-Qorti b'dil-biċċa, u din bis-saħħa ta' hekk irnexxielha taqbad il-ħatja u ssib il-lampier misruq.

Fuq li qalet il-Qorti, il-Gvernatur taħ li jerġa' jiftaħ il-ħanut; iżda din kellha tressqu quddiemha u quddiem xi nies twissih bl-aħrax li, kemm-il-darba jerġa' jixtri ħwejjeġ suspetti, jiġi fil-għali.

Bħalma rajna iżjed lura, il-Gvern kien iżomm idejh fil-permessi ta' l-Arġentiera, biex kulħadd ikun jista' jaqla' l-ħobża tiegħu bis-sewwa. B'danakollu, xi drabi, kont issib ukoll min hu rgħib, billi jitħajjar ibagħbas fix-xogħol tiegħu. Din id-drawwa ta' qerq fil-ħidma tad-deheb u l-fidda, bdiet issaltan minn xi żmien 'il hawn. Iżda l-Gvern indaħal malajr biex jilqa' u jaqta' d-drawwa tas-serq kbir li kien isir minn fuq dahar in-nies, billi dawn, waqt li minn għalihom xtraw ħwejjeġ tajba, sefgħu mqarrqa. Fuq hekk, il-Gvernatur Oakes, wara li ta ordni biex jittieħdu l-passi meħtieġa, ħalli jinqabdu l-ħatja ewlenin ta' din il-ħsara kbira, u jinġiebu quddiem il-Ħaqq, biex jieħdu li jmisshom, ħa ħsieb mhux biss li jsir Boll ġdid, imma wkoll li dan għandu jinżamm taħt għajnejn sewwa. Biex jasal f'dan il-għan, fl-1 taa' Ottubru 1810, ħareġ avviż, fejn għarraf, li minn dik id-data, il-Konslijiet ta' l-Oreffiċi u l-Arġentiera, ma għandhomx jimbullaw għajr bil-Boll ġdid li sar. Dan ix-xogħol ma jistax jintgħamel ħlief fl-Uffiċċju tal-Gurati. Irid isir quddiem l-Intendent ta' l-Użin u ta' dak il-Gurat jew Gurati, li jridu jkunu hemm, darbtejn fil-ġimgħa biss, f'dawk il-jiem u s-sigħat li jiġu darba fissati mill-Gurati. U dan iġib li la l-Konslijiet ma jistgħu jqabbżu aktar l-iskuża li ttieħdu għal għarrieda, anqas min jaħdem ma jittarraf iħawwad fix-xogħol tad-deheb u l-fidda. B'hekk, il-fiduċja tan-nies terġa' tiġi għalli kienet, billi jinqata' kull ħsieb ħażin li kellhom qabel — ħwejjeġ li huma l-waħdanin xewqat tal-Gvernatur.

Xi drabi l-Maltin kienu jisfgħu mfixkla sewwa minn xi nies barranin li jiġu hawn jaħdmu fis-sengħa tagħhom. Iżda, meta niesna jaraw dan, iqumu malajr u jitolbu biex dawn ma jitħallewx ifixkluhom f'xogħolhom. F'Gunju ta' l-1811, il-Professuri Gojjellieri Maltin, f'għadd ta' 10 min-nies, għamlu rikors lill-Gvernatur. Fih fissru, li, biex igħixu huma u l-familji tagħhom, ma għandhomx għajr is-sengħa tagħhom. Imma, minn xi żmien 'il hawn, fil-Gżira jinsabu xi barranin li taħt idejhom qed jiksbu

dawk id-djamanti kollha li jiġu minn barra, biex jagħmlu bihom xi xogħlijiet u b'hekk jaħdmu f'dina l-professjoni. Dan qed iċaħħad ix-xogħol lill-Ġojjelliera Maltin,u u b'hekk itellef il-ħobż tagħhom u ta' nieshom — ħaġa li l-Liġijiet ta' Malta ma jridux.

Fuq din il-biċċa, fix-xahar ta' Diċembru 1810, saret talba mill-istess Ġojjelliera, u, b'digriet tal-Gvernatur, l-Imħallef tal-Kriminal ta t-tagħrif tiegħu. Issa dawn jinsabu t-tnejn f'idejn il-President tal-Qorti l-Kbira (tal-Belt), biex jagħti l-fehma tiegħu dwarhom. Iżda billi l-Ġojjelliera għadhom qed jistennew dina d-deċiżjoni, ma hemmx li jaraw it-tmiem tat-talba li għamlu. Għalhekk xtaqu, li l-Gvernatur jogħġbu jagħti l-ordnijiet meħtieġa, biex jista' jittieħed ħsieb, dwar dina l-biċċa, kif titlob il-Liġi.

Il-Gvernatur wieġeb, fil-5 ta' Ġunju 1811, fejn qal li, għal dak li għandu x'jaqsam mal-Ġojjelliera barranin Sacchesan u Pietru Cerato, tawhom il-permess taħt xi kondizzjonijiet, waqt li għall-oħrajn il-Qorti l-Kbira kellha tieħu ħsieb hi.

X'kondizzjonijiet kienet tagħmel il-Qorti dari lin-nies barranin, biex tħallihom jaħdmu hawn, nistgħu narawh minn dawn iż-żewġ petizzjonijiet li ġew f'idejna. U bihom nagħalqu dan it-tagħrif dwar l-Arġentiera fl-ewwel snin tal-Ħakma Ingliża f'Malta.

Fl-1807, wieħed minn Noto (Sqallija) jismu Ċikku Ferba, għamel talba lill-Gvernatur. Fiha qal li kien ilu f'Malta 13-il sena. Iżżewweġ Maltija, li minnha kellu tlitt itfal. Dejjem ħadem sewwa u kif xieraq fis-sengħa tiegħu ta' Arġentier, bla qatt ma ta lil min igemgem minnu. Fuq hekk, 28 xahar qabel, jiġifieri fl-1805, bagħat Memorjal fejn talab biex jagħtuh il-grazzja tan-naturalizzazzjoni Maltija.

Il-Gvernatur, fis-17 ta' Lulju 1805, iddegrieta biex il-Qorti tal-Belt tieħu l-fehma tal-President tagħha u tal-Prefett tal-Pulizija. Iżda, meta reġgħu bagħtulu lura l-Memorjal tiegħu, b'fih ukoll id-digriet imsemmi tal-Gvernatur, Ferba urih lil wieħed. U dan, bi żball, qallu li qala' l-grazzja li talab. Għalhekk, billi qagħad fuq dan, żamm il-Memorjal għandu u beża' għalih, flok ma ħa ħsieb iwasslu f'idejn il-Qorti, kif hekk kien imissu jagħmel. Imma, xi jiem wara, Ferba reġa' wrieh lil wieħed li jifhem. U dana, bir-raġun kollu, qallu biex jerġa' jagħmel Me-

morja! ieħor. Sama' minnu u talab in-naturalizzazzjoni mill-ġdid.

Għat-talba tiegħu, din id-darba l-Qorti qalet, li Ferba qatt ma ħa ħsieb biex jaqla' digriet ħalli jkun jista' joqgħod f'Malta. Fi-1805, fiż-żmien li ħareġ Bandu dwar il-frustieri, dan għamel rikors lill-Gvernatur. Iżda, meta tawhulu lura, ma ħax ħsieb jagħtih f'idejn il-Qorti, għalkemm kien dirett lilha, biex tagħti tagħrif dwaru. Ferba sejjes l-iskuża tiegħu, għaliex minn għalih hu tajjeb, u għalhekk waqaf hemm. B'danakollu l-Qorti fissret il-fehma tagħha li l-Gvernatur jista' jagħtih jibqa' joqgħod f'Malta. Il-Gvernatur ta l-beneplaċitu tiegħu.

Fi-1811 insibu barrani ieħor li riedu jwaqqfuh mill-ħidma tiegħu ta' Ġojjellier, jismu Duminku Franch. Fuq hekk, għamel petizzjoni lill-Gvernatur. Fiha fisser li ġie msejjaħ fis-Sala Kriminali, fejn wissewh li ma jistax jaħdem fis-sengħa tiegħu ta' Ġojjellier. Iżda hu ħadem biss ħwejjeġ għall-imgħallmin Maltin. Dejjem ta xhieda ta' l-imġiba tajba tiegħu. Biex igħix b'ħaġa oħra, ma għandux. Terġa', minħabba kif inhi l-qagħda tal-lum, ma tħallihx li jmur Trieste, pajjiżu. Għalhekk talab li jagħtih il-grazzja li jibqa' f'Malta u jaħdem fis-sengħa tiegħu ta' Ġojjellier.

Il-Gvernatur, fil-5 ta' Awissu 1811, taħ is-setgħa li talab b'beneplaċitu; iżda b'kondizzjoni li ma jistax jiftaħ ħanut għal rasu, iżda jista' jaħdem, bħalma s'issa għamel, id-dar tiegħu biss. biss. *(Jissokta)*